# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 29/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Brandon Vassallo**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brandon Vassallo detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 538794M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Ottubru, 2014 ghall-habta ta' 12:01pm fi Pjazza Antoine De Paule, Paola:

(1) Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan;
(3) Waqt li kien qieghed isuq vettura li ggorr merkanzija hafifa naqas li jilbes ic-cintorin tas-sigurtà;

(4) Saq vettura bil-mutur fit-triq waqt li zamm jew uza b'idejh telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja;
(5) Ikkommetta reat li hu punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu attiv tas-sentenza sospiza mposta fuqu datata 14 ta' April, 2013 u 25 ta' Marzu, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat F. Depasquale.
(6) Bhala persuna sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 16 ta' Marzu, 2013, 25 ta' Marzu, 2014 u 28 ta' Ottubru, 2013 mill-Magistrat Dr. F. Depasquale u Magistrat Dr. E. Grima liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(7) Kiser l-artikolu 22 tal-Kap 446 b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28 ta' Ottubru, 2013 mill-Magistrat Dr. E. Grima.

Il-Prosekuzzjoni talbet ghall-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hames xhur prigunerija wara li rrendiet ezegwibbli s-sentenzi ta' prigunerija [sospizi] moghtija tnejn minnhom fis-16'April 2013 u l-ohra fil-25 ta' Marzu, 2014;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Brandon Vassallo, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija jew piena, **alternattivament tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliggi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Semghet ix-xhieda;

.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Brandon Vassallo;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tinnota illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rrendiet ezegwibbli "*s-sentenzi ta' prigunerija tnejn fis-16 ta' April 2013 u wahda fil-25 ta' Marzu 2014*". Fis-16 t'April 2013 kienet inghatat **biss** sentenza wahda kontra l-appellant fejn kien ikkundannat xahar prigunerija sospizi ghall-erba snin [fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali]. Fit-28 t"Ottubru 2013 kien lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u fil-25 ta' Marzu 2014 kien ikkundannat ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett xhur sospizi ghall-erba snin [fit-termini tal-artikou 28A tal-Kodici Kriminali]. Dan ifisser illi ma kien hemm ebda sentenza ohra hlief wahda moghtija fis-16 t'April 2013. Meta Qorti ddahhal fis-sehh sentenza ta' prigunerija li kienet sospiza skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jehtieg referenza preciza ghal-liema sentenza tkun qed tirreferi dik il-Qorti;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni meta strahet fuq il-kontenut tal-affidavit tal-ufficcjal tal-Pulizija. L-appellant ghandu ragun in rigward ghaliex wara li din il-Qorti semghet lill-ufficjal ta' Transport Malta tixhed dwar li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan fil-kategorija tal-vettura allegatament misjuqa minnu, l-unika xhieda tal-prosekuzzjoni kienet dik tal-ufficcjal li intercetta lill-appellant. Il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda ta' dan l-ufficcjal permezz tal-procedura tal-affidavit kif kontemplata fl-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali u l-

kontenut ta' dan l-affidavit juri biss li s-sewwieq intercettat ma kienx l-appellant odjern;

3. F'dan l-affidavit, l-ufficcjal koncernat jghid illi kien waqqaf vettura misjuqa minn **Brayden Vassallo** detentur tal-karta tal-identita' numru **538974**. L-appellant fil-fatt jismu **Brandon** u l-karta' tal-identita' tieghu ghandha n-numru **538794M.** Ghandu ragun ghalhekk l-appellant jargumenta illi d-dettalji tal-persuna intercettata mill-ufficcjal jirreferu ghall-persuna ohra u mhux ghalih. F'dan l-affidavit hemm ukoll mankanza ohra lamentata mill-appellant, igifieri dik tal-hin tal-incident fejn ghalkemm l-ufficcjal jghid illi kien waqqaf vettura fit-3 t'Ottubru, 2014, meta jigi biex jiddeskrivi l-hin jghid biss *"ghall-habta"* u jieqaf hemm;

4. Ghalhekk filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra tal-appellant kif ukoll milli tipprovdi dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti kif indikat fl-ewwel konsiderazzjoni, tilqa' l-appell u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement ma ssibx htija fl-appellant u tilliberah.